MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 55/2007

Maltacom plc (C22334)
vs
Antoine Borg

It-Tribunal,
Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' tliet mija u wiehed u erbghin lira Maltin u disa' u sittin centezmi [Lm341.69] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21555310 [A/C no. 40036124] li kien installat fil-fond numru 72, bl-isem ta' Home Entertainment, Triq It-Tigrija, Nadur, Ghawdex, u dan skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar 2007, u tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh, fit-termini tal-artikolu 187(3)(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, la deher u lanqas ipprezentat risposta.

Fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2008, sama' lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu.

Fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2009, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2009, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjh diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha mija u hamsa u disghin Euro u tnejn u disghin centesimi [€795.92] ekwivalenti ghal tliet mija u wiehed u erbghin lira Maltin u disa' u sittin centezmi [Lm341.69] , ammont dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telefon bin-numru 21555310 [A/C no. 40036124], bl-imghax legali b'effett mid-data tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar 2007, sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluzi tal-ittra ufficjali msemmija, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------